Nru' 16 1.15 p.m.

DRAFT

1. Il-Ministri approvaw il-minuti tal-laqghat Nri. 14 u 15.

2. Il-Ministru tas-Sahha, it-Tabib V. Moran, informa l-Kabinett bil-laqghat li kellu mal-Medical Association of Malta dwar l-Att Nru XVII tal-1977 li kien ghadu kemm ghadda mil-Parlament u partikolarment bl-emendi li l-M.A.M. kienu talbu l-Gvern li riedu li jigu introdotti f'dak l-Att. Il-Ministru Moran qal ukoll li l-M.A.M. kienet informatu li bihsieba tiehu 'industrial action' b'effett mis-7 ta' filghodu tal-Hamis 2 ta' Gunju wara "l-impasse" li kienu fih; f'ittra mibghuta lill-Ministru tas-Sahha l-M.A.M. elenkat ix-xoghol kollu li kien sejjer jigi milqut bl-'industrial action'.

Wara diskussjoni il-Kabinett iddecieda illi is-C.G.M.O. ghandu jikteb minnufih lill-M.A.M. u jitlobhom illi s-servizz ta' emergenza:

(a) ghandu jigi mmexxi minn numru ta' tobba u specjalisti skond ma jitlob is-C.G.M.O. stess, u taht id-direzzjoni amministrattiva tieghu biss;

(b) ghandu jinghata ma tul iz-zmien kollu li ddum l-'industrial action' u li fl-ebda hin u ghall-ebda cirkostanza ma ghandu jigi rtirat; ghal dan il-ghan ghandha tigi ffirmata dikjarazzjoni f'dan is-sens minn kull tabib u specjalista li jiehu parti fis-servizz ta' emergenza; gie deciz ukoll illi l-M.A.M. tigi mitluba twiegeb ghall-dawn iz-zewg punti sad-9 ta' filghaxija ta' dikinhar stess.

Fin-nuqqas ta' twegiba is-C.G.M.O. gie inkarigat biex jidher fuq it-TV dik il-lejla stess u jfiehem lill-poplu b'kull ma gara u li fic-cirkostanzi huwa jaghti parir il-Gvern biex is-servizz ta' emergenza imexxieh il-Gvern jekk hemm bzonn bil-ghajnuna ta' tobba barranin.

Fit-3 p.m.is-seduta giet aggornata sine die.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA